# X'SA NSEMMUH

*Ta'* John Friggieri

ILU ftit kont qiegħed nitkellem ma' wieħed ħabib tiegħi, kittieb tajjeb tal-poeżiji bil-Malti. M'għandniex xi ngħidu, id-diskors tagħna malajr waqa' fuq il-kitba u l-letteratura tagħna.

"Wieħed mill-uġigħ ta' ras tiegħi meta nikteb il-versi", qalli l-ħabib tiegħi, "huwa meta nasal biex nagħti l-isem lil dak li nkun ktibt. Erħini ndawwar minn hemm u minn hawn, inbiddel, inżid, innaqqas, sakemm fl-aħħar joħroġ xi isem li x'aktarx iva m'lli le ma jkollu x'jaqsam xejn mal-kitba tiegħi".

Jiena naf li dan mhux tfixkil li jiltaqa' miegħu l-ħabib tiegħi biss, iżda naħseb li ma nkunx niżbalja meta ngħid li l-għażla ta' isem, mhux f'dak l' għandu x'jaqsam mal-kitba biss, iżda f'kollox, hija biċċa xogħol iebsa u ta' taħbil il-moħħ għal ħafna nies. Tgħiduli mela l-ħabib tiegħek jikteb bla ma jkun jaf fuqiex qiegħed jikteb? Le, mhux dan li rrid ngħid, iżda ġie li min jikteb ikollu l-punti kollha f'moħħu biex jisvolġi dak li jrid igħid u fl-aħħar, meta jiġ' għall-isem, ma jsibx malajr dawk il-kelmtejn li fihom ikun irid ifisser fil-qosor dak li jkun jikteb dwaru.

Minn dawn hawn bosta mhux biss f'Malta, iżda wkoll f'postijiet oħra tad-dinja fejn il-letteratura hija ixjeħ ħafna minn tagħna. Shakespeare, ngħidu aħna, kien ibati ħafna biex isib isem addattat għall-*plays* famużi li kiteb. Dan nistgħu narawh aħna stess mill-ismijiet ta' xi xogħlijiet tiegħu u li jixhdu tabilħaqq kemm dan il-kittieb kbir Ingliż kien aktarx jikteb il-*play* u iħalli l-isem għall-aħħar. U hawn l-aktar li Shakespeare kien jitħawwad, ikkonfond', u, bħal wieħed maħkum minn attakk tan-nervi, joħroġ b'xi isem bħal dawk ta' "As You Like It" jew "Twelfth Night Or What You Will". F'dawn iż-żewġ każi naraw li Shakespeare ma rnexxielux isib l-isem addattat għaż-żewġ *plays*. Fil-waħda kemm ukoll fl-oħra, it-test ma jaqbel xejn ma' l-ismijiet li tahom u dan juri biċ-ċar kemm l-awtur tħawwad sa ma wasal biex iħalli f'idejn il-qarrejja biex jagħżlu huma l-isem li jidhrilhom xieraq. Barra mill-*plays*, Shakespeare kiteb ukoll bosta poeżijiet żgħar. Ħafna minn dawn ins'buhom bla isem xejn u ma naħsibx li dan Shakespeare għamlu b'kapriċċ, iżda aktarx minħabba li ma setax isib isem li jixraq u li bih

seta' jfisser sewwa sew dak li kellu f'moħħu meta l-Musa nebbħitu b'dawk il-versi.

Kif għidt qabel, din il-kwistjoni ta' l-isem ma tolqotx biss lill-kittieba, iżda wkoll lil dawk kollha li fuqhom jaqa' d-dmir li jagħtu isem lil xi ħadd jew lil xi ħaġa. Sa ftit taż-żmien ilu, hawn Malta kellna d-drawwa sabiħa li nsemmu 'l uliedna għall-qaddisin. Fil-biċċa l-kbira tal-familji Maltin kont issib ismijiet bħal Ġużeppi, Pawlu, Salvu, Ġanni, Marija, Karmena, Tereża u oħrajn bħalhom, drawwa sabiħa u li tixraq ħafna 'l art tagħna Nisranija. Iżda minn ftit tas-snin 'l hawn, daħlu f'Malta ħafna ismijiet barranin, ismijiet li mhux talli m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' ismijiet ta' qaddisin, talli ħafna drabi dawn l-ismijiet ikunu aktarx ta' nisel pagan jew ta' oħrajn li nkisbu fil-Mitoloġija.

Minn xhur qabel l-omm u l-missier jibdew iħabblu moħħhom biex jsibu isem sabiħ għat-tarbija tagħhom, isem li jfakkarhom fl-għeżież tagħhom, isem li jixraq u li jinstama' jdoqq sabiħ għal widna meta tgħaqqdu mal-kunjom. Tant jagħtuha importanza xi nies din il-ħaġa illi mhux l-ewwel darba li jsir it-tilwim bejn il-familji taż-żewġ naħiet għaliex it-tnejn riedu jsemmu t-tarbija għal xi ħadd min-naħa tagħhom. Bluha, għax wara kollox "what's in a name" igħidu l-Ingliżi, u għandhom raġun. Pawlu, Ġorġ, Masu, Peter jew Bartilmew mhux xorta?! Oħrajn, imbagħad, joqogħdu attenti li jsibu xi isem sabiħ għat-tifel jew tifla li jkollhom u tarahom joħolqulha ismijiet li aktarx ikunu korruzzjoni ta' isem jew għaqda ta' ismijiet oħra minnhom infishom maħluqin fl-immaġinazzjoni ta' nies li tistħajjilhom diġà marru jgħixu fil-qamar.

X'ingħidu mbagħad għal dawk li tarahom joħorġulek b'xi isem li minnu nnifsu jġiegħelek bla ma trid tiftakar f'nies kbar li baqgħu jissemmew għall-għemejjel tagħhom jew għal xi virtujiet oħra li kellhom u li qajla ssibhom fi bnedmin komuni. Ngħidu aħna, ma jkunx tad-daħk tiltaqa' ma' xi *Erkole* xipli, irqajjaq u marradi, u miskin ma jiflaħx jieqaf fuq riġlejh; xi Napuljun li jibża' minn dellu, xi *Iżabella* kerha daqs dagħwa jew xi *Bianka* sewda daqs in-nugrufum? L-agħar imbagħad ikun meta bħala tfal, dawn l-imsejknin ikollhom iħabbtu wiċċhom mat-tfal sħabhom ta' l-iskola nibbexin u li jagħtu fastidju bix-xemx għaddejja. Imsieken! tfal ta' min jitħassarhom; u allura taħseb li dawn ma jħossux fihom li ftit mit-temperatura żejda tan-nervi tagħhom hija kollha ħtija ta' min tahom dak l-isem famuż? Kemm kien

ikun aħjar kieku dawn kellhom ismijiet komuni bħal ngħidu aħna Pawlu, Ġanni, Ċikku, Karmena u oħrajn bħal dawn li, sew jekk twal, qsar, ħoxnin, irqaq, morda jew b'saħħithom, jgħadduha xorta waħda bħal oħrajn li jgħixu madwarhom bla ħadd jagħti kashom aktar minn ħaddieħor.

Imbagħad hawn min jaħseb ħafna fil-bogħod. Jiena naf familja fejn il-missier, raġel mill-aħjar, b'l-għaqal u ta' l-affari tiegħu sewwa, ħaseb biex jaħrab ismijiet twal meta ġie biex isemmi t-tfal tiegħu — huwa għażillhom l-iqsar jumijiet li seta' jsib biex jekk dawn it-tfal ma jitgħallimux skola, huma ma jkollhomx diffikultà kbira biex għallinqas jitgħallmu jiktbu isimhom ta' tlieta jew erba' ittri biss. B'danakollu l-biża' tal-missier ma ġiex imwettaq għax it-tfal kollha tgħallmu u ssemmew ħafna għall-ħila tagħhom. Iżda l-ħsieb tal-missier seta' seħħ u għalhekk ma tistax tgħid li dan huwa għemil fieragħ. Għall-kuntrarju, jiena nħoss li dan huwa ħsieb għaqli għaliex fih skop li b'h l-ulied setgħu jipprofittaw kieku ma rnexxewx fil-ħajja.

L-isem, wara kollox, huwa għelm biex nagħżlu bniedem, annimal jew oġġett minn oħrajn u għalhekk dan m'għandux iservi biex minnu nagħmlu wirja ta' varjetà b'pika min jagħżel l-isbaħ jew l-aktar wieħed stramb. Ma tgħidx wieħed jista' meta jogħġbu malajr malajr jibdel ismu kif ġieb u laħaq għax kieku ma jkun ġara xejn, iżda dan jinħtieġ ħafna xogħol u taħbit filqrati li ma naħsibx wieħed jaqbillu jidħol għalih jekk mhux tassew ikun hemm għal fejn. Kultant wieħed ma jkunx jista' jagħmel ieħor u għalhekk ikollu jiftaħ kawża mal-Gvern biex ikun jista' jibdel ismu kif jixtieq. Ngħidu aħna meta wieħed isib li ismu li huwa magħruf bih minn kulħadd ma' jaqbilx ma' dak li jinsab reġistrat fl-insinwa, dan ikun jaqbillu ħafna jieħu l-passi meħtieġa biex jirranġa l-iżball meta jinduna għax tgħidx kemm taħbit jista' jiswielu meta 'l quddiem ikun jeħtieġlu juri ċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu biex ikun magħruf minn xi awtorità.

B'dan wieħed għandu jifhem kemm jaqbel li meta r-responsabbiltà għal għażla ta' xi isem taqa' fuqu, għandu joqgħod attent ħafna u ma jħallix l-immaġinazzjoni tiġri bih iżżejjed għax wara kollox l-isem li ikun sa jagħżel ma jkunx għalih iżda għal xi ħaddieħor li jkollu jitwekka bih tul għomru kollu, sew jekk dan ikun jogħġbu jew ma jogħġbux. Naraw għalhekk li għalkemm l-isem huwa l-akbar propjretà li kull bniedem għandu, b'danakollu l-għażla hija f'idejn ħaddieħor. Għażla bla għaqal tista' 'l quddiem iġġib ħafna tweġħir u niket lil dak li miskin ikollu l-anqas ħtija.